# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-11 ta' Marzu 2024**

**Talba nru. 246/2020 IS**

**MARIE ANTOINETTE DEBONO (I.D. 94781 (M))**

***VERSUS***

**ALLEN DEBONO (I.D. 545779 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2020 (a fol 1 et seq), l-attriċi talbet l-ammont ta' erbat elef u seba' mija u sbatax-il Ewro u sitta u sittin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 4717.66) in kwantu elfejn tliet mija u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2370.50) żieda fil-manteniment pagabbli skond l-għoli tal-ħajja, dovuta skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet ippubblikat fis-26 ta' Novembru 2007, u in kwantu elfejn tliet mija u sebgħa u erbgħin Ewro u sittax-il ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2347.16) bilanċ dovut ta' sehem il-konvenut mill-ispejjeż mediċi u edukattivi tal-minuri ulied il-partijiet skond l-istess imsemmi kuntratt tas-separazzjoni, oltre' l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 3754/2018.

Ra illi fil-5 ta' Novembru 2020, il-konvenut ġie debitament notifikat (a fol. 146).

Ra l-konvenut ippreżenta ir-risposta tiegħu fit-23 ta' Novembru 2023 (a fol. 147 u 148).

Ra illi l-konvenut ippreżenta wkoll kontro-talba fit-23 ta' Novembru 2023 (a fol. 149).

Ra illi l-attriċi rikonvenzjonata ippreżentat ir-risposta tagħha fir-rigward tal-kontro-talba fid-19 ta' Mejju 2021 (a fol. 157 u 158).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-18 ta' Jannar 2022, l-attriċi għalqet il-provi (a fol. 173).

Ra illi fit-22 ta' Marzu 2022, il-konvenut għalaq il-provi (a fol. 209).

Ra illi fl-4 ta' Ottubru 2022, il-partijiet iddikjaraw provi magħluqa (a fol. 276).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Ma hux kontestat bejn l-attriċi u l-konvenut illi huma ġenituri ta' tifla bl-isem Sarah Debono. Ma hux anqas kontestat bejn il-partijiet illi huma kienu miżżewġin u illi pero' sseparaw fis-26 ta' Novembru 2007, u dan skond il-kuntratt tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u li jinsab a fol. 186 sa 198.

Iż-żewġ punti ta' diżgwit bejn il-partijiet huma żieda fil-manteniment pagabbli skond l-għoli tal-ħajja, dovuta skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet ippubblikat fis-26 ta' Novembru 2007 u il-bilanċ dovut ta' sehem il-konvenut mill-ispejjeż mediċi u edukattivi tal-minuri ulied il-partijiet skond l-istess imsemmi kuntratt tas-separazzjoni.

Żieda fil-manteniment pagabbli skond l-għoli tal-ħajja

Huwa prinċipju stabbilit illi l-ġenituri għandhom l-obbligu illi jmantnu lill-uliedhom, u dan skond l-Aritkolu 7 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi pero', Artikolu 2123 (b) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi għal eċċezzjoni għal din l-imsemmija preskrizzjoni taħt Artikolu 2156 (b), u dan kif ukoll qalet il-Qorti f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***LG Vs LL***[1] Jidher illi t-tifla tal-partijiet illum hija maġġorenni u għaldaqstant, jista' jitqies illi bdiet tiddekorri tali preskrizzjoni kontra l-wild minn mindu saret maġġorenni. B'dan illi pero' il-wild saret maġġorenni fl-1 ta' Settembru 2019 ġjaladarba hi twieldet fl-1 ta' Settembru 2001. B'dan illi għal darb'oħra, il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut bl-gheluq ta' ħames snin ma tissussisstix *stante* illi għadhom m'għaddewx ħames snin minn mindu l-wild saret maġġorenni. Fis-sentenza ***LC Vs LL***, hawnhekk imsemmija, fil-fatt il-Qorti qalet illi "*B'applikazzjoni tal-Artikolu 2126 tal-Kap 16 il-preskrizzjoni tal-azzjoni ghall-hlas tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal kull wiehed minn ulied il-partijiet kienet sospiza sakemm dak il wild ghalaq l-eta` maggorenni. Fi kliem iehor, il-preskrizzjoni tibda miexja kontra l-istess ulied mid-data meta jaghlqu l-eta` maggorenni in kwantu ghall-manteniment lilhom dovut*."

Filwaqt illi f'dan il-każ huwa minnu illi l-wild tal-partijiet kienet diġa' maġġorenni meta l-attriċi istitwit tali azzjoni, dan ma jfissirx illi l-attriċi kienet prekluża milli tiftaħ tali azzjoni għal awment fil-manteniment li seħħ meta l-wild kienet għadha minuri, u li fil-fatt, fis-sentenza ċitata iktar 'il fuq, ukoll l-attriċi kienet rebħet manteniment fil-konfront tal-minuri anke għalkemm sar maġġorenni tul il-proċess tal-kawża. B'dan illi allura l-attriċi, f'dan il-każ,

[1] 5 ta' Mejju 2023, Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Ref.: 119/2021

setgħet tagħmel tali talba f'isimha.

Għaldaqstant, ġjaldarba l-eċċezzjoni ma hix applikabbli hawnhekk u anke illi l-attriċi kellha kull dritt li tintavola tali talba, dan it-Tribunal irid issa jħares lejn l-awment fil-manteniment pagabbli skond l-għoli tal-ħajja mill-konvenut lill-attriċi tul il-perjodu meta l-wild kienet għadha minuri u meta l-konvenut kien iħallas tali manteniment.

Il-kuntratt tas-separazzjoni bejn il-partijiet jipprovdi fi klawsola 9 (i), u liema parti tal-kuntratt tinsab a fol. 191, illi "*Il-manteniment stabbilit f'dana l-Artikolu jiġi revidut kull sena skond il-kambjamenti fl-għoli tal-ħajja kif dawn jirriżultaw mill-indiċi tal-għoli tal-ħajja miżmuma appożitament mill-awtoritajiet kompetenti.*" Fix-xhieda tagħha datata 18 ta' Jannar 2023, l-attriċi, ippreżentat l-indiċi tal-inflazzjoni, hekk kif prodotta min-National Statistics Office (NSO), u liema kopja tinsab a fol. 201. Il-konvenut, tramite r-rappreżentanza legali tiegħu, għażel illi ma jtellax xhieda ir-rappreżentanti tan-National Statistics Office (NSO), u dan skond il-verbal datat 18 ta' Jannar 2022 u li jinsab a fol. 173.

Skond tali kuntratt, għaldaqstant, il-konvenut kien obbligat illi jħallas il-manteniment tal-minuri hekk skond din it-tabella:

| **<u>Sena</u>** | **<u>Manteniment fis-sena</u>** | **<u>Differenza fl-awment tal-manteniment fis-sena</u>** |
|---|---|---|
| 2007 | Dan il-manteniment ta' Eur 1956.72 inħadem fuq sena bir-rata ta' Eur 163.06 kull xahar pero' dik is-sena l-konvenut ħallas biss ċirca Eur 190.21 peress illi l-kuntratt huwa datat 26 ta' Novembru 2007 | Mhux applikabbli |
| 2008 | Eur 2040.07 | Eur 83.35 |
| 2009 | Eur 2082.71 | Eur 125.99 bejn 2009 u 2007 |
| 2010 | Eur 2113.95 | Eur 157.23 bejn 2010 u 2007 |
| 2011 | Eur 2171.45 | Eur 214.73 bejn 2011 u 2007 |
| 2012 | Eur 2223.99 | Eur 267.27 bejn 2012 u 2007 |

| | | |
|---|---|---|
| 2013 | Eur 2254.68 | Eur 297.96 bejn 2013 u 2007 |
| 2014 | Eur 2261.67 | Eur 304.95 bejn 2014 u 2007 |
| 2015 | Eur 2286.55 | Eur 329.83 bejn 2015 u 2007 |
| 2016 | Eur 2301.18 | Eur 344.46 bejn 2016 u 2007 |
| 2017 | Eur 2332.71 | Eur 375.99 bejn 2017 u 2007 |
| 2018 | Eur 2359.76 | Eur 403.05 bejn 2018 u 2007 |
| 2019 | Eur 2398.47 (ġjaladarba l-wild laħqet l-eta' maġġorenni fl-1 ta' Settembru, 2019, Eur 199.87 kull xahar u allura f'dik is-sena l-ammont kien ta' Eur 1598.98) | Eur 441.75 bejn 2019 u 2007 (iżda peress illi hawnhekk irid biss jingħadd minn Jannar 2019 sa Awwissu 2019, l-ammont hu ta' Eur 294.50) |
| | | Total ta' differenza Eur **<u>3199.31</u>** |

Il-konvenut xehed fil-11 ta' Ottubru 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 170, is-segwenti:

*"Dr. Christine Bellizzi: Dan inti kkalkulajtu u kont tibaghtu?*

*Xhud: Jien imxejn skont il-bank draft li konna ghamilna meta ffirmajna s-separazzjoni. Ovvjament qatt ma jidhirli li gie rivedut. Jekk hemm xi tip ta' revizjoni trid issir ma ghandix problema biha.*

*Dr. Christine Bellizzi: Jigifieri qed nghidu illi inti dejjem bqajt thallas l-istess ammont mensili jigifieri fix-xahar…*

*Xhud: L-ammont kif kien maqbul."*

Imbagħad, il-konvenut xehed fl-4 ta' Ottubru 2023, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 277 is-segwenti:

"*It-Tribunal: …Il-mistoqsija hija : wara l-issa rceviet dik l-ittra, fuq it-tieni parti, allura fuq l-gholi biss hallast?*

*Xhud: Le. S'issa ghadni ma hallastx.*"

B'dan illi jidher illi l-konvenut qatt ma ħallas l-awment tal-manteniment skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għadu hekk ma ħallasx sal-ġurnata tal-lum. B'dan illi għaldaqstant, it-talba tal-attriċi fl-**<u>ammont ta' elfejn tliet mija u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2370.50)</u>** żieda fil-manteniment pagabbli skond l-għoli tal-ħajja huwa kollu dovut mill-konvenut lill-attriċi. Dan it-Tribunal jinnota illi l-ammont hekk maħdum minn dan it-Tribunal hu għola minn dak li qed titlob l-attriċi iżda ġjaladarba l-attriċi qed titlob ammont inqas, dan it-Tribunal ikollu jżomm mat-tali ammont hekk pretiż mill-attriċi.

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-konvenut lill-attriċi, l-attriċi qiegħda titlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, ma jidhirx illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali, u dan għaliex tali azzjoni ta' ħlas ma hix ta' natura kummerċjali, hekk skond il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 1141 hawn fuq imsemmi, u liema artikolu jipprovdi illi "*F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemmfil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*" F'dan il-każ, l-attriċi ippreżentat kopja tal-itta uffiċjali illi hi bagħtet lill-konvenut, u liema kopja tinsab a fol. 200. Din l-ittra uffiċjali hi datata 7 ta' Novembru 2018. B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal hu konvint illi tali l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) beda jiddekorri mis-7 ta' Novembru 2018. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

<u>Spejjeż edukattivi u mediċi</u>

Artikolu 19 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara manteniment fhix jikkonsisti, b'dan illi tali Artikolu 19 (2) jagħmilha ċara illi "*Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.*" B'dan illi l-ispejjeż rikjestji mill-attriċi lill-konvenut illi jkopru edukazzjoni u saħħa jaqgħu fid-definizzjoni ta' manteniment. Għaldaqstant, l-argument tal-preskrizzjoni eċċepit mill-konvenut f'dan ir-rigward ma japplikax għall-istess raġuni hekk kif spjegat minn dan it-Tribunal iktar 'il fuq u b'dan illi l-attriċi kellha kull dritt illi titlob għal tali spejjeż mis-sena 2007.

Filwaqt illi f'dan il-każ huwa minnu illi l-wild tal-partijiet kienet diġa' maġġorenni meta l-attriċi istitwit tali azzjoni, dan ma jfissirx illi l-attriċi kienet prekluża milli tiftaħ tali azzjoni għal awment fil-manteniment li seħħ meta l-wild kienet għadha minuri, u li fil-fatt, fis-sentenza ċitata iktar 'il fuq, ukoll l-attriċi kienet rebħet manteniment fil-konfront tal-minuri anke għalkemm sar maġġorenni tul il-proċess tal-kawża. B'dan illi allura l-attriċi, f'dan il-każ,

setgħet tagħmel tali talba f'isimha.

Il-konvenut jidher illi argumenta l-iktar fuq il-ħlasjijet fir-rigward tal-eżamijiet tal-MATSEC, tad-dentist u tal-psikoloġi.

Fir-rigward ta' ħlasijiet ġenerali li jkopru mhux biss dawn l-ispejjeż illi l-konvenut l-iktar li jidher illi qed jikkontesta, il-konvenut għamel referenza għal ċekkijiet maħruġin mill-BOV u l-HSBC, u dan skond Dok A. li jinsab a fol. 148 illi l-konvenut ippreżenta fil-kontro-talba tiegħu. Biss pero', il-konvenut tella' xhud biss rappreżentant tal-BOV, u liema xhieda tinsab a fol. 237 sa 243. Huwa prinċipju assodat fil-Liġi nostrana illi min jallega irid jipprova, u dan kif ukoll irriteniet il-Qorti f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Strings Enterprises Limited [C 24629] vs 1. Philip Carbonaro 2***. Rita Zammit,2 fejn il-Qorti saħqet illi *"ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"*." B'dan illi għaldaqstant, kien fl-interess tal-konvenut illi jtella' xhud mill-HSBC.

Inoltre', f'dan il-każ, fuq bażi ta' probabbilita', dan it-Tribunal iqis illi l-verżjoni tal-attriċi tirrifletti l-verita' *stante* illi l-kopja taċ-ċekkijiet ippreżentati mill-konvenut tal-BOV ittieħdu in konsiderazzjoni mill-attriċi, u dan hekk kif jidher mill-kopji ippreżentati mill-attriċi li jinsabu a fol. 137 sa 141.

Ukoll, kif sostnit l-attriċi fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha ippreżentanta fis-7 ta' Novembru 2022 illi kien hemm ċekkjiet tal-BOV illi ma kinux indirizzati lill-attriċi għal sehem il-konvenut mit-tali spejjeż, b'dan illi tali ċekkijiet ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni għal dak li hu dovut mill-konvenut lill-attriċi.

Fir-rigward tal-ispejjeż marbuta mal-eżamijiet tal-MATSEC, l-attriċi ippreżentat l-irċevuti li jinsabu a fol. 26 sa 29 u l-konvenut ukoll xehed fl-4 ta' Diċembru 2022, illi mhux qed joġġezzjona li jħallas sehmu mill-imsemmija spejjeż u dan skond il-parti tax-xhieda li tinsab a fol. 279A meta qal is-segwenti:

"*Dr. Christine Bellizzi: September, September naqblu li f'September ikun hem mir-resit?*

*Xhud: Ma ghandix problema ta. Ma nafx ghal xiex qed targumenta iktar.*

*It-Tribunal: Jigifieri dawk thallashom.*

*Xhud: Da zgur; ma ghandix problema.*"

**B'dan illi allura tali ammont hu dovut mill-konvenut lill-attriċi.**

Fir-rigward ta' sehem il-konvenut tal-ispejjeż tad-dentist, l-attriċi ippreżentat dokumentazzjoni sħiħa u li tinsab a fol. 16 sa 21. Filwaqt illi t-Tribunal jifhem illi l-kuntratt tas-separazzjoni kien jgħid illi *"il-kura u kustodja tat-tifla minuri qed tigi fdata lill-partijiet konguntivament"*, dan it-Tribunal iqis illi l-interessi tal-minuri għandhom jiġu fuq kwalunkwe diżgwit li jista' jinħoloq bejn il-ġenituri meta l-istess ġenituri ma jkunux jistgħu jaqblu fuq l-aqwa trattament ta' saħħa tal-minuri. F'dan ir-rigward, it-Tribunal itenni illi id-dmir ta'

[2] 7 ta' Mejju 2013, Qorti Ċivili, Prim'Awla, Ref.: 1068/2009

ġenitur lejn uliedu hu kruċjali u l-interess tal-minuri hu dejjem suprem, hekk kif inhu ritenut fl-Artikolu 3B tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta´ Malta u fis-sentenza ***MB Vs U b'digriet tas-26 ta' Mejju 2021 gew nominati Dr Yanika Bugeja u PL Louisa Tufigno bhala kuraturi deputati sabiex jirrappresentw lill-assenti SS,***[3] fejn l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*"Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza flismijiet: Frances Farrugia vs. Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017: 3*

*Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata."*

B'dan illi l-konvenut qatt ma jista' jinħeles mir-responsabbiltajiet tiegħu għaliex jittenta jallega li ma ġiex ikkonsultat *stante* illi **ġjaladarba tali trattament kien neċessarju għall-wild tal-partijiet, kull ġenitur irid ikopri nofs l-imsemmija spejjeż**.

Fir-rigward tal-psikoloġi, dan it-Tribunal jinnota illi l-attriċi u l-konvenut ipprovdew verżjonijiet verament kunfliġġenti fejn l-attriċi saħqet dwar l-importanza tal-psikoloġi illi żaret il-minuri u wkoll illi tali psikoloġi kienu mqabbda jew mill-iskola jew mill-Qorti filwaqt illi l-konvenut ippreżenta kopja ta' żewġ sentenzi li jinsabu a fol. 244 sa 274, fejn fl-ewwel sentenza, il-Qorti irrimarkat illi il-psikoloġi Dr. Roberta Attard u Dr. Carmen Sammut "*gew inkarigati jaghmlu x-xoghol taghhom mill-parti civili Antoinette Debono qabel ma nbdew il-proceduri.*" B'dan illi hu ċar illi ma kien hemm ebda konsultazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenut fir-rigward ta' dawn iż-żewġ imsemmija psikoloġi. Inoltre', dan it-Tribunal innota illi tali rapporti taż-żewġ psikoloġi ippruvaw ikunu immanipulati mill-attriċi u intużaw mill-attriċi sabiex jippruvaw jagħmlu ħsara lill-konvenut, b'dan illi **l-konvenut m'għandux iħallas nofs dawn l-ispejjeż**. F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal ħares lejn l-irċevuti li jinsabu a fol. 10 sa 14, bl-ammont totali ta' Eur 114.14 u b'dan illi allura sehem il-konvenut kieku ħallas lill-attriċi kien se jkun ta' Eur 57.07 u fol. 71 sa 91 fl-ammont globali ta' Eur 680 u b'dan illi allura sehem il-konvenut kieku ħallas lill-attriċi kien se jkun ta' Eur 340.

Fir-rigward tat-tielet psikologu, u ċioe' Dr. Juan Camilleri, ma hemm ebda prova li tali psikologu kien tqabbad mill-attriċi mingħajr ebda konsulta mal-konvenut, u allura tali ħlas għandu jkun bejn iż-żewġ ġenituri.

Fir-rigward ta' kull spiża oħra, dan it-Tribunal jifhem illi l-interess tal-minuri għandu jkun dejjem suprem, hekk kif spjegat iktar 'il fuq, u ma hix skuża tanġibbli illi parti ma tħallasx għaliex ma tkunx ikkonsultata minn qabel. B'dan illi kwalunkwe spiża li ssir fl-interess tal-minuri trid tkun issopportati ugwalment bejn iż-żewġ ġenituri.

**B'dan illi dan it-Tribunal iqis illi l-konvenut hu dovut lill-attriċi l-ammont ta' elf sitt mija u dsatax'il Ewro u disgħa ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1619.09) *stante* illi l-attriċi aġġustat l-ammont pretiż minnha skond in-nota tas-sottomissjonijiet, u liema parti hekk aġġustata tinsab a fol. 288 u ġew imnaqqsa l-ammonti tal-psikoloġi hekk kif spjegat hawn fuq.**

[3] 9 t´Ottubru 2023, Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (Ref.: 98/2019)

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-konvenut lill-attriċi, l-attriċi qiegħda titlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, ma jidhirx illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali, u dan għaliex tali azzjoni ta' ħlas ma hix ta' natura kummerċjali, hekk skond il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 1141 hawn fuq imsemmi, u liema artikolu jipprovdi illi *"F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minndak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemmfil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni."* F'dan il-każ, l-attriċi ippreżentat kopja tal-itta uffiċjali illi hi bagħtet lill-konvenut, u liema kopja tinsab a fol. 200. Din l-ittra uffiċjali hi datata 7 ta' Novembru 2018. B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal hu konvint illi tali l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) beda jiddekorri mis-7 ta' Novembru 2018. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

<u>Talba rikonvenzjonali</u>

Filwaqt illi t-Tribunal jerġa' jirreferi għall-Artikolu 2123 (b) imsemmi iktar 'il fuq, dan it-Tribunal għandu wkoll jikkunsidra Artikolu 22 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u liema Artikolu jipprovdi illi *"(1) Min ikun ta l-manteniment m'għandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiċċat ir-raġunili għaliha kien obbligat għall-manteniment."* B'dan illi tali talba rikonvenzjonali hija għal kollox irrita u nulla u qed tkun miċħuda. Inoltre', dan it-Tribunal iqis illi l-ispejjeż marbuta mal-psikoloġi illi fejn jidher illi kien hemm irċevuti illi ħarġu f'isem l-attriċi, tali irċevuti ġew imneħħija mit-Tribunal għal raġunijiet hawn fuq premessi.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-attriċi għall-ammont ta´ tliet elef u disa' mija u disgħa u tmenin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 3989.59) bl-imgħax li beda jiddekorri mis-7 ta' Novembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Tiċħad it-talba rikonvenzjonali għal raġunijiet spjegai hawn fuq.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma a kariku tal-konvenut, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 3754/2018.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur